FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 26 TA' MARZU 2001

PULIZIJA
SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT
VS
MARK LAWRENCE RIZZO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Lawrence Rizzo ta' 35 sena bin Emanuel u Doris nee spiteri imwield l-Ingilterra fit-8 ta' Lulju 1965, residenti numru 4, Triq San Frangisk, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita numru 216383M talli fis-17 ta' Dicembru 2000, fl-ghassa ta' Haz-Zabbar, ghal habta ta' 8pm volontarjament hassar, jew gharraq jew ikkaguna hsara lill-proprjeta pubblika, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas min hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Talli f'Haz-Zabbar u Rahal Gdid fl-istess data, u cirkostanzi hedded u ingurja bil-kliem membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwenzahom milli jaghmlu dan is-servizz.

Talli f'Rahal Gdid fl-istess data, hinijiet ucirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb ghal diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz.

Talli fis-17 ta' Dicembru 2000, f'Rahal Gdid u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-karozza numru HAO 161 ta' ghamla MG Metro, fit-triq jew f'post pubbliku wara li ikkunsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Talli fis-17 ta' Dicembru 2000, f'Rahal Gdid u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer saq karozza numru HAO 161 ta' ghamla MG Metro:

1. b'manjiera traskurata, b'nuqqas ta' hsieb u b'nuqqas ta' tharis tar-ergolamenti tat-traffiku habat ma karozza b'numru GVP 144 u kkaguna hsara ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.
2. Minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq.
3. Minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Barramin hekk, talli fl-istess lokalitajiet, data, hinijiet u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u bon ordni b'ghajjat, strobju, glied jew b'xi mod iehor.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wera ix-xewqa li jhallas ghall-hsarat kagunati u dana b'rata mensili ta' Lm30 fix-xahar. Dawn il-hsarat jammontaw ghal Lm559.98 hsarat fil-vettura GVP144 Daewoo Racer u Lm26.50 ghar-rigward tal-hsarat kagunati fic-cella.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputati hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325, 95, 96, u 28A, 338(dd) tal-kap 9 Art tal-Motor Vehicle Regulations u Art 15(1)(a), (2) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Art 3 tal-kap 104 tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn, ghal hlas ta' multa ta' Lm250 waqt illi tissospendi il-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.